MALTA

ATT Nru. XIX ta' l-1991

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Kostituzzjoni.

ACT No. XIX of 1991

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Constitution.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

9 ta' Awissu, 1991

ATT Nru. XIX ta' l-1991

ATT biex jemenda l-Kostituzzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1991 li jemenda l-Kostituzzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 14 tal-Kostituzzjoni.

2. Minflok l-artikolu 14 tal-Kostituzzjoni għandu jidħol l-artikolu li ġej:

"Drittijiet ugwali ta' rġiel u nisa.

14. L-Istat għandu jippromwovi dritt ugwali ta' rġiel u nisa li jgawdu d-drittijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ċivili u politiċi kollha u għal dan il-għan għandu jieħu dawk il-miżuri li jkunu ndikati biex jelimina kull forma ta' diskriminazzjoni bejn is-sessi, minn kull persuna, organizzazzjoni jew aġjenda; l-Istat għandu b'mod partikolari jimmira li jiżgura li l-ħaddiema nisa jgawdu drittijiet indaqs u l-istess pagi għall-istess xogħol bħal irġiel.".

Emenda ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

3. L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "kulur jew fidi" għandhom jidħlu l-kliem "kulur, fidi jew sess";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "perjodu ta' emerġenza pubblika.", għandhom jidħlu l-kliem "perjodu ta' emerġenza pubblika;"; u

(ii) minnufih fit-tarf tiegħu għandu jidħol li ġej:

"Iżda l-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu ma għandux japplika għal xi liġi li tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha, billi tagħti trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom skond is-sess.";

(ċ) minflok is-subartikolu (5) għandu jidħol li ġej:

"(5) Ebda ħaġa li jkun hemm f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu sa fejn tipprovdi:

(a) dwar kwalifiki għal servizz u kundizzjonijiet ta' servizz f'xi korp dixxiplinat; jew

(b) dwar kwalifiki (li ma jkunux kwalifiki li jirrigwardaw is-sess speċifikament) għal servizz bħala uffiċjal pubbliku jew għas-servizz ta' awtorità ta' gvern lokali jew għaqda korporata mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi b'xi liġi.";

(d) fis-subartikolu (7) minnufih wara l-kliem "tagħmel provvediment" għandhom jidħlu l-kliem "(li ma jkunux provvedimenti li jirrigwardaw is-sess speċifikatament)";

(e) minnufih wara s-subartikolu (9) għandu jiżdied li ġej:

"(10) Sa tmiem ta' perjodu ta' sentejn li jibda fl-1 ta' Lulju, 1991, ebda ħaġa li hemm f'xi liġi magħmula qabel l-1 ta' Lulju, 1991, ma titqies li tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, billi dik il-liġi tkun tipprovdi għal trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond is-sess.

(11) Ebda ħaġa fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandha tghodd għal xi liġi, jew għal xi ħaġa magħmula taħt l-awtorità ta' xi liġi, jew għal xi proċedura jew arranġament, sa fejn dik il-liġi, ħaġa magħmula, proċedura jew arranġament jipprovdu għat-teħid ta' miżuri speċjali bil-għan li tiġi aċċellerata l-ugwaljanza *de facto* bejn irġiel u nisa, u sa fejn biss dawk il-miżuri, meħud kont tat-tessut soċjali ta' Malta, ikunu murija li huma raġjonevolment ġustifikati f'soċjetà demokratika.".

4. Minflok il-kliem "Ebda ħaġa li hemm" fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, għandhom jidħlu l-kliem "Sa tmiem ta' perijodu li jagħlaq fit-30 ta' Ġunju, 1993, ebda ħaġa li hemm". Emenda ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 555 tat-30 ta' Lulju, 1991.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.